

# POTENTIA CORONA

josephfenech409@gmail.com
Ħarġa Nru 6



**KONT TAF** li dak in-nhar tat-13 ta' Mejju, 1917, meta għall-ħabta ta' nofs in-nhar, il-Madonna dehret lit-tlett itfal ta' Fatima, f'Ruma, l-Papa Benedettu XV kien qed jikkonsagra Isqof fil-Kappella Sistina?

Isqof li kellu jkun personaġġ importanti fil-ġrajja ta' Fatima. Kien Eugenio Pacelli li 'il quddiem kellu jkun il-Papa Piju XII.

Il-Madonna lit-tfal fid-dehriet ħabbritilhom li jekk id-dinja ma tikkonvertix, gwerra wisq aktar ħarxa minn dik li kienet għaddejja, kellha tiġi. Din il-gwerra, it-Tieni Gwerra Dinjija bdiet mal-pontifikal ta' Piju XII.

Il-Komunizmu, il-Faxxizmu, in-Nażiżmu li alludiet għalihom il-Madonna f'Fatima bil-persekuzjoni li kellhom iġibu rahom jitwieldu u jimmilitaw dan il-Papa Pacelli waqt il-pontifikal tiegħu.

Piju XII kellu wkoll ikun il-Papa tal-Assunta meta ddikkjara din id-Domma tal-Fidi nhar l-1 ta' Novembru, 1950. Fl-1954 huwa ċċelebra s-Sena Marjana fl-okkażjoni tal-ewwel ċentinarju mid-Domma tal-Immakulta .

Alla, Sid tal-Istorja, kien qed jahdem il-bizzilla tiegħu dak in-nhar tat-13 ta' Mejju, 1917 quddiem dawn it-tlett protagonisti ckejknin u semplici li lilhom ġew fdati sigrieti hekk kbar.

Ir-Rużarju huwa kullana ta' talbiet mill-aktar egħżież.
Jiftaħ bir-radd tas-Salib bl-invokazzjoni tal-Persuni tat-Trinità Qaddisa u l-Glorja f'kull misteru.
It-Talba tal-Missierna mogħtija lilna minn Ġesù nnifsu.
L-Ave Marija bit-tislima ta' Gabriel u t'Eliżabetta u t-talba tal-Insara matul iż-żmenijiet – il-Qaddisa.
Is-Salve Regina talba Marjana antika u mill-isbaħ.
Il-Litanija Lawretana jew xi litanija ora – ħannieqa ta' titoli devozjonali lil Marija.
Fuq kollox, il-waqfiet ta' kontemplazzjoni li jagħmlu mir-Rużarju Vanġelu manwali mill-aktar rakkomandat għan-nisrani hu min hu.
Itlob u apprezza x'ikollok f'idejk meta tirreċita din it-talba tar-Rużarju Mqaddes !



Ir-Rużarju Mqaddes huwa l-maħżen ta' għadd bla qies ta' barkiet. Il-Beatu Alan de la Roche

M'hemm l-ebda problema, ngħidlek, kbira kemm tkun kbira, li ma tistax tkun risolta bit-talba tar-Rużarju Mqaddes.
Suor Luċija ta' Fatima

l-aqwa mod kif titlob hu li titlob ir-Rużarju.
San Franġisk de Sales